**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Każ numru 70/2019 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Abdussalam Elfitouri**

**Illum 11 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-akkużi dedotti kontra l-akkużat Abdussalam Elfitouri, mwieled il-Libya nhar id-29 ta' Settembru 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' 72041A li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

"*Talli f'dawn il-Gżejjer, u/jew ġewwa Lucky Flats, Triq il-Qbajjar, Żebbuġ, Ghawdex, nhar it-28 ta' Ottubru, 2019 f' xi hin bejn it—20:00hrs u 21:00 b' ghemil żieni, ikkorrompa persuna taht l-eta' ta' sittax-il sena u cioe' lil omissis, ID. 22212L, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena; Art 203 (1)(a) ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna ta' omissis ID: 22212L u ċioe' fuq persuna taht l-eta'; Art 207(1), Art 202 (k) Art 208AC 1(b) 2 (a) , 2(b) ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*U aktar talli rrenda ruhhu reċidiv ai termini tal-artikolo 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza definittiva u li ma ġietx mibdula.*

*Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-allegata vittma omissis ID: 22212L u l-familjari taghha.*

*Il-Qorti ġiet mitluba li tohroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f' każ ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.*

*Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna Ordni ta' Trattament skont Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f' każ ta' htija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjeż li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** it-traskrizzjonijiet tax-xhieda;

**Rat** id-dokumenti;

**Semghet** il-provi prodotti;

**Rat** l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali;

**Rat** li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-kawża tinstema' bi proċedura sommarja;

**Semgħet** trattazzjoni finali;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti. Skont il-parte civile, nhar it-28 ta' Novembru 2019, il-minuri omissis kienet miexja weħidha fit-triq il-Qbajjar, Marsalforn wara t-tmienja ta' filgħaxija. Raġel qasam it-triq, u beda miexi magħha matul it-triq waqt li beda jkellimha. Imbagħad daħlu fil-komun ta' blokka ta' appartamenti Lucky Flats, u l-imputat niżżel il-qalziet u

l-qalziet ta' taħt ta' omissis. Xħin niżżel iż-żipp tal-qalziet tiegħu, il-minuri staqsietu x'inħu jagħmel u li hi għad għandha għaxar snin biss. L-imputat qalilha li ħasibha li hi ikbar. omissis reġgħet libset, u ħarġet 'il barra. L-imputat ma baqax isegwiha.

Min-naħa tiegħu, l-imputat jiċħad dan kollu. Huwa sostna li dakinhar, fit-28 ta' Ottubru 2019, hu kien iltaqa' ma Rachid Ourchid u ma' Sarah Jane Mamo, fi triq il-Qbajjar, Marsalforn u waqaf ikellimhom għaliex Ibrahim Ourchid kellu jtih xi flus. Jgħid li t-tifla kienet magħhom. Beda jiġġieled magħhom, u t-tifla twerwret, u bdiet tibki. Hu taha ħames euro (€5) biex hi tmur tixtri l-ħelu u titlaq 'l hemm. Skont l-imputat, hu qatt ma kellu xejn x'jaqsam mat-tifla, u li l-ġenituri tal-minuri ffabrikaw din l-istorja biex jivvendikaw irwieħhom minnu u biex jagħmlulu l-ħsara. Jgħid illi Ibrahim Ourchid għamel rapport simili kontra Abdoussi Mourad. Hu allega illi Ibrahim Ourchid jhedded lil kull min ikollu xi jgħid miegħu billi jgħidilhom li ħa jirrapportahom illi messew it-tfal tiegħu.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fejn ġie spjegat x'jiġri meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti. Dak li jseħħ ikun jew li l-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timporta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għal piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk: *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn*

*illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Illi meta ma ikunx hemm prova oħra la diretta u lanqas ċirkostanzjali li jistgħu jitfgħu xi dawl fuq l-akkadut, għandhom rwol riżoluttiv il-kredibilità u l-attendibilità ta' xhieda għas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilità u attendibilità f'dawn it-tip ta' kawżi ħafna drabi toħroġ mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-depożizzjoni tagħha.

Din il-Qorti, wara li eżaminat il-verżjoni tal-imputat, u l-provi ċirkostanzjali tħoss illi ma hux kredibbli meta biex jiskaġuna ruħu jallega illi dakinhar tal-akkuża huwa kellu argument mal-ġenituri ta' omissis. Hu pprova jressaq provi sabiex juri li fil-ħin meta seħħ l-allegat inċident, kien f'kumpanija ta' terzi. Infatti, huwa qal li qatta' ħin fil-bar Popeye, Marsalforn, fil-kumpanija ta' sħabu Aymed u Mansur Altabib, li mar jaqta' xagħru għand il-barbier f'Marsalforn, u li ltaqa' mat-tifel ta' Ibrahim fit-8:10 għand il-Popeye f' Marsalforn, (għalkemm f'okkażjoni oħra qal li ltaqa' miegħu r-Rabat għand it-Tepai). Madanakollu, meta l-imputat ġie rinfaċċat bil-fatt li l-call logs tal-imputat jindikaw li huwa kien niżel Marsalforn għas-7:30, imbagħad reġa' mar ir-Rabat sakemm reġa' nizel Marsalforn iktar tard, l-imputat ikkonferma dan billi sostna li kellu jmur sad-dar iġib xi flus għax kienu spiċċawlu. L-imputat imbagħad jerġa' jbiddel il-verżjoni tiegħu meta ġie rinfaċċat mill-Prosekuzzjoni bil-fatt li Altabib kien Malta fit-28 ta' Ottubru 2019, tant li imbaghad sostna li kien fil-kumpanija ta' Altabib mill-5:30 sas-6, u li magħhom kien hemm żewġ Għarab oħra.

Il-verżjoni tal-imputat ukoll inbidlet dwar fejn allegatament seħħet il-laqgħa ma' Ibrahim, martu u t-tifla. Huwa sostna li din il-laqgħa seħħet fi Triq il-Qbajjar iżda din ma rriżultatx li nqabdet mill-ebda surveillance camera fit-triq. Per konsegwenza, l-imputat biddel il-verżjoni tiegħu dwar fejn jgħid illi kellu xi jgħid mal-familja ta' Ibrahim Ourchid, u dan meta rrealizza fejn kien maqbud mis-surveillance cameras fit-triq.

Din il-Qorti ma għandhiex l-iċken eżitazzjoni tikkonkludi li l-imputat ma kienx veritier fil-verżjoni tal-fatti hekk kif irrelatahom. Madanakollu, l-oneru tal-prova mhuwiex fuq id-difiża. Hija l-Prosekuzzjoni li tressaq provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li verament l-imputat ikkommetta r-reati li bihom qed jiġi akkużat.

Għaldaqstant, din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tanalizza x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti tqis li l-allegata vittma dejjem kienet konsistenti fix-xhieda tagħha. Hija xehdet li kienet miexja fit-triq il-Qbajjar, li l-aggressur avviċinaha, u mexa magħha filwaqt li kellimha dwar il-familjari tagħha. Meta waslu qrib Lucky Flats, daħlu fil-komun, u neżżagħlha l-qalziet u l-qalziet ta' taħt. Imbaghad xħin infurmatu li għandha għaxar snin, l-aggressur skuża ruħu, u omissis reġgħet libset, u ħarġet 'il barra, filwaqt li kompliet fi triqitha biex tmur tixtri. Hi tgħid li rritornat id-dar minn triq oħra biex tevita li terġa' tiltaqa' mal-imputat. L-allegata vittma għarfet lill-imputat. Din il-Qorti qieset li tali verżjoni baqgħet dejjem tiġi kkonfermata mill-vittma bl-istess manjiera u qatt ma ġiet varjata b'xi mod.

Nonostante dan, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-verżjoni tal-minuri dwar kif ġara l-każ, però ma hix korraborata mix-xhieda tal-qraba tagħha, u minn provi oħra prodotti mill-istess prosekuzzjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti mhix konvinta li l-persuna li omissis qalet li avviċinatha kienet introduċiet ruħha mal-allegata vittma bħala li jisimha Abdul (xhieda tal-allegata vittma waqt il-kontroeżami), u li malli waslet id-dar hi identifikat lil min kien kellimha bħala li hu l-imputat u ċjoè Abdussalam Elfitouri. Għalkemm l-allegata vittma ddentifikat lill-imputat bħala l-aggressur tagħha, u xehdet illi introduċa ruħu magħha bħala Abdul, jidher illi dan ma kienx il-każ mill-bidu, xħin irritornat id-dar. Tant hu hekk illi skont xhieda ta' Ibrahim Ourchid, wara li l-minuri rritornat id-dar u rrakkontat x'kien ġralha, dan l-ewwel issuspetta f'ħaddieħor u mar sab raġel oħxon Sirjan li però qallu li ma kienx hu. Barra minn dan is-Sur Valletta li joqghod f'Lucky Flats jgħid illi l-familja ta' omissis marru jħabbtulu d-dar, u xħin fetaħ il-bieb omissis qaltilhom li ma kienx hu. Minn dan joħroġ illi l-verżjoni ta' omissis illi l-

persuna li avviċinatha qallha x'jismu u li kien jaf lill-familja tagħha, ma tidhirx li hija waħda veritiera.

Il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda ta' Ibrahim Ourchid mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019 fejn xehed illi:

*"It-tifla qaltli qabdni wahda raġel ohxon u ....u qabdu, bil-qies u b'kollox, it-tifla tieghi qaltli hekk.... ... ... kien idur barra, iltaqa' ... qalli l-istorja, qallu, missieri ...inċempillu u ma jiġux... qaltli wiehed raġel qabadni u qalli naf lil missierek u tani five euro u żammha u beda jkellimha, jkellimha, jkellimha u dahhalha taht it-taraġ...dahhalha wahidha fil-flat, fil-blokka, ...dahhalha hemm taht u qallha naghtik thirty euro (€30) u ma tghid lil missierek u lill-mummy. It-tifla qaltu jiena ghandi nine years...u beda ...fiha. din l-istorja li ġrat.*

*Pros: X beda jaghmel?*

*Ix-xhud: Beda jneżżaghlha l-affarijiet –*

*...Ix-xhud: Imbghad tlaqt lejn id-dar u ċempilt lil habib tieghi u ġie bil-karozza u hadna fil-karozza, hadna ir-Rabat u qabel morna r-Rabat jiena mort il-mobile u .....in-number, mort inċempel lil Alu....Abdul. Qalli, jien Abdul, mhux fis-sakra, kemm xorob, ... ... ... ...jiena ghandi problema...xi ġrali t-tifla, xi ġrali t-tifla, qalli niġi nghinek. Ghidtlu le mhux problema, jiena wahdi qed immur niċċekkja ..... hafna...qtajtlu. issa malli qtajtlu, it-tifla qalti dan ir-raġel li qabadni ... ...it-tifla ftakret li ...il gass jixbhu, ma qaltlix hu, qalti jixbhu, ...ohxon, jixbah lil dak ir-raġel li bieghilna l-gas id-dar."*

Fil-kontroeżami, il-verżjoni tal-istess Ibrahim Ourchid kienet aktar ċara, però bl-ebda mod ma neħħiet id-dubbju dwar kif l-imputat seta' jiġi identifikat mill-vittma u mill-familja tagħha. In fatti, meta Ibrahim Ourchid ġie mistoqsi minn Dr Joseph Grech kif wasal għall-konklużjoni li l-aggressur kien l-imputat, dan xehed li bintu kienet qaltlu li kien wieħed oħxon. Qal li huwa kien ħaseb li kien Sirjan li joqgħod f'dawk l-inħawi. In kontroeżami, reġa' kkonferma li meta rrinfaċċa lil dan is-Sirjan, dan innega li kienu hu. Qal iżda li mbagħad l-imputat ċempillu fuq il-mobile u kien offrielu impjieg u paga tajba. Kien f'dan il-mument li huwa ssuspetta fl-imputat u mar jagħmel

rapport l-għassa fejn wara li bintu ġiet murija ritratt tal-imputat, hija għarfitu immedjatament.

Madanakollu, il-verżjoni mogħtija minn Ibrahim Ourchid hija mimlija inkonsistenzi peress li mill-call logs prodotti mill-espert tekniku jirriżulta illi l-ewwel telefonata bejn Ibrahim Ourchid u l-imputat, saret mill-istess Ourchid lill-imputat fid-21:31:14. Għalhekk mhux kredibbli l-istess Ourchid meta jgħid illi omissis identifikat lill-imputat wara li dan tal-aħħar ċempel lil Ourchid biex joffrilu xoghol. It-tieni telefonata bejn it-tnejn saret mill-imputat lil Ourchid għaxar minuti wara fid-21:40:07. Saret telefonata oħra bejn il-partijiet fl-22:01:14. F'dan ir-rigward hu aktar kredibbli l-imputat meta xehed illi Ourchid ċempillu l-ewwel darba u kien akkużah li kien messlu lit-tifla.

Fit-tieni lok, il-Prosekuzzjoni serrħet il-każ fuq il-filmati li ġew elevati. Mill-istills imniżżla mill-espert mahtur minn din il-Qorti jirriżulta li l-minuri dehret miexja waħedha, iżda fuq il-filmati fl-ebda punt ma jidher l-akkużat jakkompanja jew javviċina lill-istess omissis. Anki rigward il-fatt illi fil-filmati sussegwenti jirriżulta illi jidhru omissis, oħtha, ommha u Ibrahim Ourchid mexjin fit-triq aġitati bl-ebda mod ma jimplika illi l-imputat ikkommetta r-reat.

Fit-tielet lok, id-difiża argumentat li l-fatt waħdu illi l-allegata vittma identifikat lill-imputat bħala l-aggressur tagħha ma hux korraborat minn provi oħrajn illi jikkonfermaw li l-imputat wettaq ir-reati illi huwa akkużat bihom. Din il-Qorti qieset li għalkemm ġie allegat illi l-akkużat daħħal lil omissis fil-komun tal-blokk appartamenti Lucky Flats, il-prosekuzzjoni naqset milli televa fingerprints mis-sit fejn allegatament twettaq ir-reat. Straħet minflok fuq is-surveillance cameras biex tgiddeb il-verżjoni tal-imputat, imma naqset milli ssaħħaħ il-każ tagħha bi provi li l-Qorti jidhrilha li setgħu faċilment jiġu elevati, u li kienu jneħħu kull ombra ta' dubbju dwar jekk l-akkużat daħalx fl-imsemmija blokka ta' appartamenti. Is-surveillance cameras ma wrew xejn illi

jindikaw li twettaq xi reat fl-akwati u l-fatt illi tidher omissis miexja weħidha fit-triq bl-ebda mod ma jikkonferma l-verżjoni tagħha.

Fir-raba' lok, anke l-verżjoni ta' omm il-vittma hija mimlija inkonsistenzi jew nuqqas ta' dettalji preċiżi u veritieri. Pereżempju, mill-istills prodotti mill-espert imqabbad minn din il-Qorti, tidher omissis miexja weħidha, allegatament qabel ma sar l-abbuż. Jidhru wkoll mexjin fi triq il-Qbajjar, oħt omissis, li ommha waqt il-kontroeżami, u murija r-ritratti għarfitha bħala bintha Anne, ommha Sarah Jane, u Ibrahim Ourchid (għalkemm dan tal-aħħar ma hux identifikabbli fl-imsemmija ritratti annessi mar-rapport tekniku). Għalkemm Sarah Jane Mamo xehdet li niżlu l-Għassa ta' Marsalforn "*jiena u r-raġel tieghi u t-tifla omissis u t-tifel tieghi Adam*", ir-ritratti juru mod ieħor.

Fil-ħames lok, il-Qorti ma tistax tinnota li l-familjari tal-allegata vittma ppruvaw iżewwqu l-verżjoni ta' kif ġraw l-affarijiet. Mill-current incident report, fl-ewwel verżjoni ġie indikat illi l-aggressur mexxa lill-vittma bil-forza, imbuttaha ġewwa l-blokka flats, ordnalha biex tinża' u neżżagħha hu. Inoltre, meta sar ir-rapport oriġinali, omissis ma qalitx illi l-aggressur qalilha li jismu Abdul. Dan id-dettal ġie miżjud wara li ġiet mitkellma mill-Ispettur Spiteri. Żdied ukoll id-dettal li l-aggressur taha ħames euro (€5) waqt li kienu mexjin, u taha għoxrin euro (€20) ohra kif dahlu fil-blokka u neżżaghlha l-qalziet u l-qalziet ta' taħt. Żiedet tgħid li lill-aggressur kienet ratu darba meta ħadilhom ċilindru tal-gass.

Barra minn hekk, mix-xhieda tal-ġenituri tal-allegata vittma, ingħataw dettalji oħra li l-minuri fl-ebda mument ma kkorraborat. Sarah Jane Mamo fis-7 ta' Novembru 2019 xehdet b'dan il-mod: *"naf lill-mummy tieghek u lid-daddy tieghek, il-mummy tieghek tahdem ix-Xewkija fil-washers u wassalt lilha u lil habiba taghha bla snien," fhimt?"* Ibrahim Ourchid xehed illi lil bintu, l-aggressur neżżagħha wara li qaltu li kellha għaxar snin, u li taha tletin euro (€30) apparti l-ħames euro (€5) tal-bidu. Hu qal li lil Abdussalam Elfitouri għarfitu omissis wara li Elfitouri kien ċempel lil Ourchid. Però mill-call logs jirriżulta li l-ewwel telefonata saret minn Ourchid lil Elfitouri, għalhekk jirriżulta illi Ourchid kien diġà tefa' l-ħtija fuq Elfitouri u ċempillu l-ewwel darba fid-9:31pm, qabel ma

kienet identifikat l-aggressur omissis, allegatament wara li l-imputat ċempel lil Ibrahim fid-21:40.

Nonostante dawn l-inkonsistenzi fuq rapportati, din il-Qorti tqies li l-aktar xhud importanti f'dan il-każ hija proprju l-allegata vittma. Inoltre, hija għandha wkoll il-benefiċċju li l-imputat, nonostante li kellu d-dritt li jagħzel li ma jixhidx, għazel li jixhed quddiem din il-Qorti. Ix-xhieda l-oħra li tressqu huma kollha xhieda li ma kinux preżenti waqt dan l-inċident u għaldaqstant, din il-Qorti tista' tiskarta dik l-istess xhieda. Li tqis din il-Qorti huwa li kif già ngħadd, l-imputat ma kien kredibbli xejn fix-xhieda mogħtija minnu mentri l-vittma kienet konsistenti ħlief għal xi punti żgħar li già ġew elenkati iktar kmieni f'din is-sentenza.

Id-difiża allegat li din kienet kollha messa in scena li ġiet ikkreata minn missier l-allegata vittma. Ġie allegat li missier il-vittma dejjem hekk jagħmel meta jkollu xi problemi ma' terzi persuni. Mix-xhieda ta' Ibrahim Ourchid irriżulta illi sussegwentament għal din l-okkażjoni, almenu darba oħra, l-istess Ourchid kien irrapporta li persuna oħra messet tifel ieħor tiegħu jew tal-partner tiegħu Sarah Jane Mamo. Madanakollu, dan l-inċident seħħ wara l-inċident mertu ta' din il-kawża. Barra minn hekk, din il-Qorti trid tevalwa dan il-każ bil-provi li għandha quddiemha u mhux tasal għal konklużjonijiet minħabba avvenimenti li setgħu ġraw wara li seħħ dan l-inċident.

Din il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-vittma hija waħda li tista' tistrieħ fuqha u li twassalha għal dak il-konvinċiment morali li verament seħħ dak li xehdet dwaru l-istess vittma.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa l-imputazzjonijiet.

Ai termini tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat bir-reati addebitati fl-artikolu 203(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan l-artikolu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija [Spettur John Spiteri] [Spettur Paula Ciantar] vs Claudio Perossa Kumpilazzjoni Numru: 329/2020 deċiża fid-19 ta' Settembru, 2023 spjegat:

*"Illi Claudio Perossa qed jigi akkużat bl-akkuża ta' korruzzjoni ta' minorenni sancita bl-Artikolu 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li preżentement u cioè wara l-emenda b'Att XIII tal-2018, dan l-Artikolu jghid is-segwenti:*

*"203.(1) Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin: Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn sitta sa tnax-il sena, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*

*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx letà ta' tnax-il sena jew bi vjolenza, kemm dik fizika, kif ukoll dik psikologika".*

*Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-Professur Mamo jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat: "deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

*Kwindi l-ewwel (1) element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni (2) element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni. "Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed." Il-Professur Mamo jkompli jghid li "this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence". Isostni wkoll illi: "to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."*

*Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l-atti bhala: "inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite." Fl-ahharnett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghall-koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri jkun digà gie soggett ghallkorruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat filkonfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz in ezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-mens rea rikjesta ghal kummissjoni tarreat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa talfehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara lkummissjoni ta' dana ir-reat: "The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

*Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota il-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè Il-Pulizija vs Thomas Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz: "Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts. 'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Din il-Qorti tqis li mix-xhieda mogħtija mill-vittma, dawn l-atti kienu diretti speċifikatament lejha. Il-Prosekuzzjoni ressqet prova dwar l-età tal-minuri (fol 43) u għalhekk l-ewwel (1) element tar-reat ta' korruzzjoni ġie ppruvat. It-tieni (2) element u ċjoè dawk ta' lewd acts huwa ugwalment ippruvat u dan għaliex il-fatt illi l-imputat issoġġetta lil din it-tifla għal xena fejn neżżagħlha l-qalziet ta' taħt u kif ukoll niżel iż-żipp tiegħu, jaqgħu ċertament taħt din id-definizzjoni. Il-Qorti terga' tikkwota mis-sentenza appena ċitata li għamlet referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (Cass. pen. n. 3196/2009) li daħlet f'din id-definizzjoni fejn qalet is-segwenti:-

> *"Il delitto di corruzione di minorenne e quello di atti osceni in luogo pubblico concorrono formalmente se la condotta dell'agente non si limita ad offendere il pudore o l'onore sessuale, ma è posta in essere anche in modo da coinvolgere emotivamente la persona offesa. (Fattispecie nella quale il reo aveva esibito in una pubblica via il proprio organo sessuale, afferrandolo prima con una e poi con entrambe le mani alla presenza di una minore cui lo aveva mostrato)."*

Inoltre, dik il-Qorti kkwotat ukoll l-awtur Taljan Manzini, li fil-ktieb tiegħu Trattato di Diritto Penale Italiano jispjega x'inhuma atti di libidine jew aħjar dak li jikkostitwixxi 'ghemil zieni' u ċjoè dawk l-atti kollha 'diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piacere carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza'.

Ulterjorment, fis-sentenza già ċitata fl-ismijiet Il-Pulizija vs Thomas Wiffen ikkwotat l-awtur Francesco Carfora fid-Digesto Italiano Digesto Italiano (Vol. VIII, parte 3, p. 967) fejn jgħid: "*Atti di libidine.... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, acui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali."*

Illi a rigward it-tielet (3) element tar-reat ta' korruzzjoni u cioè li l-atti ghandhom ikunu tali li jikkorrompu l-minuri jinghad illi hawnhekk si tratta ta' minuri ta' età tenera u bl-ebda mod ma hemm dubju li din ma gietx xxukkjatha b' dak li kienet qed tara, tant li hija tant hasset li l-imputat kien qed jaghmel xi haga hazina, li infurmatu bl-eta' taghha. In oltre, wara li sehh dan l-akkadut, il-vittma marret tghid b' kollox lil genituri taghha.

Ghaldaqstant din l-ewwel imputazzjoni giet ampjament ippruvatha.

**Ikkunsidrat**

**Dwar it-tieni imputazzjoni,** l-imputat ġie akkużat ai termini tal-artikoli 207, 202(g), 202(k) u 208AC tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, kif ġustament osservat il-Qorti tal-Appell

"*Din il-Qorti trid ghalhekk tara jekk tali agir jaqax fil-parametri tal-artikolu 207 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-artikolu 207 jiddisponi s-segwenti:- Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delittii kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel ilpiena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin. Ghalhekk dak li trid tara l-Qorti jekk fl-ewwel lok kienx hemm att ta' natura sesswali li ma jammontax ghal delitt iehor attentat jew konsmat u li tali att sesswali sar kontra l-volonta tal-persuna.*"

Ġaldarba, din il-Qorti qed issib ħtija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, sejra tilliberah mit-tieni imputazzjoni, peress li l-imputat jista' jinstab ħati tagħha biss f'każ li ma jkunx hemm att ta' natura sesswali li ma jammontax għal delitt ieħor attentat jew konsmat.

Dwar l-imputazzjoni tar-**recidiva**, din il-Qorti tqis li skont il-verbal tat-30 ta' Jannar 2020, il-prosekuzzjoni eżebiet vera kopja ta' sentenza mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abdussalam Elfitouri (fol 77). Madanakollu, din ma ġietx ikkonfermata mir-Reġistratur tal-Qorti u lanqas ma hemm sentenza leġibbli fuqha. Lanqas ma tressqet prova li minn din is-sentenza sarx appell u għalhekk, din ġiet ukoll ampjament ippruvata.

Finalment, dwar il-piena, tenut kont tar-reati addebitati lill-imputat u tenut kont tal-aggravju tar-recidiva, din il-Qorti tħoss illi m'hemm l-ebda dubju li l-imputat għandu jingħata piena ta' priġunerija effettiva.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 203(1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni filwaqt li qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni u mit-tielet imputazzjoni u qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija effettiva ta' sitt (6) snin. Inoltre, u a bażi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat għall-ispejjeż peritali naxxenti minn dawn il-proċeduri li jammontaw għal sitt mija u sitta u ħamisn ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€656.81ċ). Finalment, u a bażi tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li isem l-imputat jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf a bażi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annotazzjoni neċessarja.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**